MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1262/2001/1

Carmel D'Amato
vs
Kummissarju tal-Pulizija u Chairman Awtorita' tat-Trasport Pubbliku

t-Tribunal,

**CITAZZJONI:**
Ra c-citazzjoni li fiha l-attur ippremetta li b'decizjoni tat-Tribunal ghal Investigazzjoni ta' l-Ingustizji tal-15 ta' Marzu, 2001 fir-rikors 621/1997 fl-ismijiet "Carmel D'Amato vs Kummissarju tal-Pulizija et" sab li l-ilment ta' Carmel D'Amato mhux gustifikat.

Premess illi din id-decizjoni giet ibbazata fuq il-parti tas-sentenza fejn intqal hekk:
"*Ir-rikorrent lanqas ma ta dettalji ohra bhad-data preciza ta' l-applikazzjoni, jew xi referenza, jew produca xi xhud iehor, jew surveyor. Ghalhekk fuq dan l-aspett il-provi tar-*

*rikorrent li saret applikazzjoni originarjament huma ferm baghtuti"*

Premess illi fil-kors tal-proceduri in segwitu ghar-rikors bin-Nru. 21/97 fl-ismijiet "Joseph u Possideo ahwa Sciberras u Josephine armla ta' Saviour Sciberras vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u Chairman ta' l-Awtorita` ghat-Trasport Pubbliku" gew esebiti partijiet minn registru li kien juri uhud minn dawk li kienu applikaw tul is-snin sabiex jinghataw permess f'Wied iz-Zurrieq.

Premess illi waqt is-smiegh tar-rikors mertu ta din ir-ritrattazzjoni, Christopher Sammut xehed illi:

"Nghid li jiena ma nista naghti l-ebda informazzjoni dwar dawn il-kazijiet ta' Carmel D'Amato ……….. Nghid li ma sibt xejn dwar dan. Jiena m' inix f'posizzjoni li naghti ebda nformazzjoni. Nghid li pruvajt nivverifika u ppruvajt infittex records dwar dan izda ma sibt xejn …….."

Premess illi jekk ghal xi raguni mhux maghrufa r-registru li gie prodott fil-kawza fl-ismijiet "Joseph u Possideo ahwa Sciberras u Josephine armla ta' Saviour Sciberras vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u Chairman ta' l-Awtorita' ghat-Trasport Pubbliku", ma nstabx meta kien tant necessarju fil-kawza mertu ta' din ir-ritrattazzjoni, ghall dan il-fatt ma kienx jahti r-rikorrent.
Premess illi d-decizjoni li minnha qeghda tintalab ritrattazzjoni giet ibbazata fuq fatt u cioe' nuqqas ta' provi ta' l-applikazzjoni tar-rikorrent, li ma jirrizultax meta r-rikorrent ma kien jahti xejn ghan-nuqqas ta' l-esebizzjoni tar-registri jew registru u dan l-aspett kien wiehed determinanti ghas-sentenza u ghalhekk l-attur huwa intitolat jitlob li l-kaz jigi ritrattat a tenut ta' l-Artikolu 811(L) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Premess illi l-attur kien ipprezenta diversi noti li pero' gew inseriti erronjament fil-process tar-rikors numru 253/1997 fl-ismijiet "Carmel D'Amato vs Kummissarju tal-Pulizija et" u dan billi fin-nota li permezz taghha gew esebiti id-dokumenti in kwistjoni gie erronjament indikat ir-rikors Nru

253/1997 minnflok dak li suppost kellu jigi indikat u cioe' ir-rikors numru 621/1997.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1) Ihassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji tal-15 ta' Marzu 2001 fir-rikors 623/97 fl-ismijiet "Carmel Cutajar vs Kummissarju tal-Pulizija et", u dan billi din id-decizjoni tmur kontra d-dispozizzjoni ta' l-Artikolu 811(L) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Tordna r-rikors jigi trattat mill-gdid u dan taht dawk il-provvediment li jidhru xierqa u opportuni skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti issa ingunt ghas-subizzjoni.
Ra d-dikjarazzjoni ta' l-attur.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra n-nota ta' l-eccezjonijiet tal-konvenut l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku li eccepiet:

1. Illi l-ligi li waqqfet it-Tribunal sedenti ma tipprovdix ghall procedura tar-ritrattazzjoni.

2. Illi f'kull kaz il-fatti lamentati mill-attur ma jaghtux lok skond il-Kodici tal-Procedura ghal ritrattazzjoni.

3. Illi anke jekk il-kaz jigi mismugh mill-gdid l-Awtorita' tirrepeti l-eccezzjonijiet li kienet intavolat meta gie propost ir-rikors promotur, senjatament li l-istess awtorita' ma ikkomettiet ebda ingustizzja ghaliex ma kenitx tezisti fiz-zmien inkwistjoni u fil-present mhuix fisikament possibli li jinhargu permessi godda kif qed jitlob l-attur.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dikjarazzjoni ta' Joseph Caruana – General Manager tal-konvenuta Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku.

Ra n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa li:

1. Preliminarjament in-nullita` ta' l-azzjoni stante illi din m'hix preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju kif irid l-Art 460 tal-Kap 12.

2. Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi ma jissistux l-elementi ta' l-Art 811(L) tal-Kap 12 u l-azzjoni tfalli anke bl-operat tal-proviso ta' l-istess Artikolu stante illi it-Tribunal fl-ewwel istanza ezamina l-fatti u l-provi bir-reqqa u wasal ghal-konkluzjonijiet tieghu.

3. Illi minn ezami tal-processi relattivi ma jirrizultax illi kien hemm xi dokument li kien inserit fil-process 253/97 Nenu D'Amato jew 533/97 Carmel D'Amato li kopja tieghu ma kienx ukoll inserit fil-process 621/97.

4. F'kull kaz, il-kawzi nstemghu kontestwalment u certament ma jirrizultawx il-kweziti ghall-skopijiet ta' ritrattazzjoni kif kontemplati mill-attur.

5. Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghall-premess mil-kontro-ezami tar-rikorrent Carmel D'Amato fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2000 huwa qal li applika mill-gdid wara li hargu l-permessi wara l-1987 u ghalhekk il-persuna Carmel D'Amato indikata fil-lista tal-1985 ma kienx hu izda kien Carmel D'Amato fir-rikors 533/97 li fil-fatt anke xehed illi fl-1985 kien anke ghamel survey, kontrarjament ghar-rikorrenti odjern.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**PROVI:**

Ra li fl-20 ta' Novembru, 2001 Dr P Borg Costanzi ghall-Kummissarju tal-Pulizija irtira l-ewwel eccezzjoni riferibbli ghan-nullita` ta' l-azzjoni stante illi din m'hiex preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju kif jrid l-Art 460 tal-Kap 12, wara decizzjoni fuq l-istess punt deciz fil-31 ta'

Lulju, 2001 fil-kawza fl-ismijiet “Dr E G Cefai vs Onor Prim Ministru” [1263/97].

Ra li fl-istess data Dr Azzopardi ghall-Awtorita’ tat-Trasport Pubbliku irtira l-ewwel eccezzjoni li l-ligi li waqqfet it-Tribunal sedenti ma tipprovdix ghall procedura tar-ritrattazzjoni in vista tal-artikolu 15 tal-Kap 394.

Illi ghalhekk l-ewwel kompitu tat-Tribunal hu li jezamina jekk il-fatti lamentati jaghtux lok ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-artikolu 811 (L) tal-Kap 12 u li l-azzjoni tfalli anke bl-operat tal-proviso ta’ l-istess Artikolu stante illi it-Tribunal fl-ewwel istanza ezamina l-fatti u l-provi bir-reqqa u wasal ghal-konkluzjonijiet tieghu. Dawn huma t-tieni eccezzjoni taz-zewg konvenuti.

L-attur ghandu l-obbligu li qabel xejn jipprova li s-sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Il-proviso ta’ dan is-subartikolu jghid hekk:
“Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta’ xi fatt li l-verità tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verità tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il- fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis- sentenza.”

**KONKLUZJONIJIET:**
Issa t-Tribunal meta ta d-decizjoni tieghu kif semma l-attur ibbaza hafna fuq l-applikazzjoni. Infatti l-attur fic-citazzjoni ikkwota din il-parti tas-sentenza:

“*Ir-rikorrent lanqas ma ta dettalji ohra bhad-data preciza ta’ l-applikazzjoni, jew xi referenza, jew produca xi xhud iehor, jew surveyor. Ghalhekk fuq dan l-aspett il-provi tar-rikorrent li saret applikazzjoni originarjament huma ferm batuti*”

Izda l-Qorti ma ssib xejn f’dan f’dak li hemm imsemmi fl-artikolu 811 (l) li jindika xi zball. Kif jista’ t-Tribunal jaghti flus il-poplu lir-rikorrent semplicement ghax jghid li applika. Provi tal-applikazzjoni jew tas-survey ma sarux.

Kif laqgha talbiet ohra bl-istess mod kien jilqa' wkoll it-talba tar-rikorrent li kieku kien hemm provi.

L-attur jibbaza kollox fuq li hemm Carmelo D'Amato iehor u li kien jinkombi fuq il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li jgib il-provi tar-registru. Il-Qorti tista' forsi tifhem li miskin l-attur ma jafx kif jimxu l-provi u li hemm l-obbligu fil-kamp civili li minn jallega irid jaghmel il-provi; ma tifhimx pero' kif min imexxih ma jfehmux li l-ligi tirrikjedi mod iehor. Kien ikun il-kaz ta' zball li kieku l-attur gab prova li kienet saret l-applikazzjoni u t-Tribunal bi zball ma ndunax biha; hemm possibiltajiet ohra ta' zball; izda f'dan il-kaz l-izball jikkonsisti biss fix-xewqa tal-attur li jdahhal xi haga fil-but. Dan ma jwassalx ghal dak li tirrikjedi l-ligi biex issir ritrattazzjoni. Kien jinkombi fuq l-attur li jgib l-acknowledgement, jew li jindika fejn din giet esibita, jew xi xhud li semmiha, izda minflok l-attur spera u spera u ma gabx provi.

Ghal dawn il-motivi jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Spejjez kontra l-attur.